**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` April 2019**

**Kawza Nru. 2**

**Rik. Nru. 31/2018/JZM**

**Paul Azzopardi (K.I. nru. 629832M);**

**Monica maghrufa bhala Mona Grima (K.I. nru. 279360M);**

**Antonia maghrufa bhala Tanya Azzopardi (K.I. nru. 397167M)**

**Ilkoll f'isimhom propju u wkoll bhala mandatarji tal-assenti Rita Hollis**

***kontra***

**Joseph u Marthese konjugi Elich [K.I. nru. 15048(M) u K.I. nru. 550251(M)];**

**u**

**L-Avukat Generali**

**Dan huwa provvediment fil-miftuh dwar rikors li pprezentaw ir-rikorrenti fis-16 ta` Jannar 2019 fejn talbu korrezzjoni fil-premessi u fl-ewwel talba tar-rikors promotur sabiex dawn jkopru wkoll l-Art 12B tal-Kap 158 li dahal fis-sehh fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tas-16 ta` Jannar 2019.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta` Jannar 2019.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat Avukat Generali fl-1 ta` Frar 2019.

Rat ir-risposta li pprezentaw l-intimati konjugi Elich fil-11 ta` Frar 2019.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta` Frar 2019.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri dwar ir-rikors fl-udjenza tat-12 ta` Marzu 2019, skont kif ipprovdiet fid-digriet taghha tal-14 ta` Frar 2019.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment fil-miftuh ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

**Ikkunsidrat :**

Illi bil-korrezzjoni li qeghdin jitolbu, kemm tal-premessi kif ukoll tal-ewwel talba tar-rikors promotur, ir-rikorrenti qeghdin jestendu **ukoll** ghall-Art 12B tal-Kap 158 (apparti ghall-Art 12 tal-Kap 158) l-ilment taghhom li kien hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali taghhom kif tutelati bl-Art 37 tal-Kostituzzjoni, bl-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni u bl-Art 14 tal-Konvenzjoni.

Illi r-raguni li qeghdin igibu r-rikorrenti sabiex isostnu t-talba taghhom hija li meta pprezentaw il-kawza fit-2 ta` April 2018, dak li wara sar l-Att XXVII tal-2018, u li bis-sahha tieghu kien introdott l-Art 12B fil-Kap 158, kien ghadu abbozz ta` ligi. Infatti l-Att kien iffirmat mill-President ta` Malta fl-10 ta` Lulju 2018 u dahal fis-sehh fl-1 ta` Awissu 2018. Ir-rikorrenti jinsistu illi l-Art 12B huwa konferma tal-vjolazzjoni tal-jeddijiet fondamentali fuq citati li sehhet bl-applikazzjoni tal-Art 12 tal-Kap 158. Ghalhekk, skont ir-rikorrenti, ikun tajjeb u opportun li din il-Qorti tippronunzja ruhha dwar l-Art 12B **ukoll**, anke ghall-fini ta` ekonomija ta` gudizzju, sabiex tkun evitata kawza ohra mirata kontra l-Art 12B bhala lesiv tal-jeddijiet fondamentali taghhom fuq citati.

Illi fir-risposti taghhom l-intimati jillimitaw ruhhom li jwiegbu ghat-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors. Min-naha tal-intimat Avukat Generali, it-talba mhux qeghda tkun opposta, purche` jinghata zmien biex jipprezenta risposta ulterjuri fil-kaz li tkun koncessa l-korrezzjoni. Min-naha taghhom, l-intimati konjugi Elich qeghdin jopponu l-korrezzjoni fuq linja ta`

dritt, ghaliex jikkontendu li l-Art 175(1) tal-Kap 12 ma jippermettix korrezzjoni tal-att promotorju tal-azzjoni, jekk din tkun sejra tibdel is-sostanza tal-azzjoni jew is-sostanza tal-eccezzjoni dwar il-mertu tal-kawza. Fil-fehma tal-intimati konjugi Elich, hekk sejra taghmel il-korrezzjoni, u ghalhekk m`ghandhiex tkun permessa.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-Art 175(1) tal-Kap 12 m`ghandux jinghata tifsira jew interpretazzjoni restrittiva, specjalment fi procediment kostituzzjonali jew konvenzjonali, li min-natura tieghu, huwa straordinarju.

Illi fid-data tal-prezentata, ir-rikors promotur kien dirett lejn l-applikazzjoni ta` l-Art 12 tal-Kap 158 bhala allegatament lesiva ghall-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti fuq riferiti.

Illi bil-korrezzjoni kif mitluba u dedotta, l-Art 12 tal-Kap 158 bhala d-disposizzjoni allegatament lesiva mhijiex qeghda tkun **<u>sostwita</u>** b`disposizzjoni ohra jew diversa. Hemm seta` forsi jsir l-argument li s-sostanza tal-azzjoni kienet qeghda tinbidel.

Illi pero` **<u>biz-zieda</u>** tal-Art 12B, li ma kienx jezisti meta kienet promossa l-azzjoni, izda li dahal fis-sehh fil-mori tal-kawza, l-azzjoni mhijiex sejra tinbidel fis-sostanza taghha izda se mai sejra **<u>titwessa` u testendi</u>** ghal disposizzjoni li mix-xejra taghha hija relatata mal-Art 12.

Illi mhumiex fil-mertu lesivi l-Art 12 u l-Art 12B tal-Kap 158 ghall-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti fuq riferiti huwa bil-wisq prematur li jinghad ladarba l-gbir tal-provi ghadu mhuwiex konkluz.

Illi jibqa` l-fatt pero` li s-sostanza tal-azzjoni mhux ser tinbidel ghall-finijiet u effetti tal-Art 175(1) tal-Kap 12.

Illi ghar-rigward tad-difiza tal-intimati, il-korrezzjoni mitluba bl-ebda mod ma tippregudikahom, ghaliex huwa bil-wisq evidenti li ghandhom u ghandhom kull jedd iwiegbu ghall-azzjoni kif jixraq, jekk il-lanjanza tar-rikorrenti mhux sejra tibqa` limitata ghal allegata lezjoni bl-Art 12, izda sejra tkun estiza ghal allegata lezjoni bl-Art 12B.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghhom tas-16 ta` Jannar 2019.**

**Tordna li a kariku tar-rikorrenti ssir notifika tal-intimati bir-rikors promotur tal-azzjoni kif korrett bil-provvediment tal-lum.**

**Taghti lill-intimati zmien ghoxrin (20) jum min-notifika sabiex jipprezentaw risposta.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali dwar il-mertu tal-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**

**Imhallef**

**Amanda Cassar**

**Deputat Registratur**